# EPIGRAMMI

# II. Allegoriji

### 32. IL-LAMPA

Qalet ix-Xemx: “Jiena sa ngħib u ninżel,
min ser minn floki jdawwal ’il-ħolqien?”
U kulħadd siket, qabżet biss il-Lampa:
“Tibżax ja Xemx, niddi minn flokok jien!”

### 33. IL-LIEDNA

Għall-għażż m’għamiltx zokk sħiħ u kibret fuqu,
iżd’għażlet li tixxabbat mal-ħitan;
u l-lum li drat kif tgħix fuq dahar ħaddieħor,
mur ġagħlha tneħħi u tbiegħ vizzju bħal dan!

### 34. IL-KANARIN

Ommu u missieru, r-razza u r-radika
għexu fil-jasar wara l-bottafora;
u l-lum għall-kanarin li dara l-jasar
x’inhija l-libertà ħdejn ftit skalora?

### 35. IL-ĦAMIEM

Dejjem bajda u beċċun, jisraq mart sieħbu,
ibarqam u jiġġieled mingħajr tmiem;
u ntant tarah b’fergħa żebbuġa f’ħalqu
għaddej itir simblu ta’ safa u sliem!

### 36. IT-TBAJJA GRIŻI

It-tbajja griżi fuq il-ħamiem abjad
ta’ fuq il-barumbara jixhdu fis
id-dnub tal-jum meta l-ħamiemu abjad
seraq il-mara tal-ħamiemu griż.

## 37. IĊ-ĊIPRESS U L-KRISANTEMI

Nistgħu nitilgħu s-sema bi ħduritna,
u nimlew l-art bil-fwieħa u t-tiżjin;
kollu ta' xejn: it-tebgħa tibqa' fuqna,
u nibqgħu ward u siġar tal-mejtin.

## 38. BLACKIE

Blackie kien kelb fidil u ntelliġenti,
it-tfal jilgħabu miegħu kemm iridu;
'mma meta kien ikollu għadma f'ħalqu
kien jigdem lil kulħadd, anki lil sidu.

## 39. PAĊIK

Paċik kien kelb għassies minn l-aktar ħorox,
iġennen bil-għajjat anki lil sidu;
'mma meta ħdejh kienu jitfgħulu kelba,
il-ħallelin jisirqu kemm iridu.

## 40. IL-KELB

Jinbaħ għall-qamar, jinbaħ, jinbaħ, jinbaħ,
b'għajnejh iħarsu 'l fuq ħomor bħall-ġamar;
fl-aħħar sar kollox dlam, il-kelb mar jorqod
ferħan li kellu l-ħila jbeżża' 'l-qamar.

## 41. ID-DUNDJAN

B'rixu kollu merfugħ u b'rasu lura
man-nies jirrabja qisu mħallef xiħ;
id-dinja kollha qed titriegħed minnu...
l-imsejken ta' dundjan hekk mingħalih!

## 42. IS-SERDUK

Ma’ nofs il-lejl bis-saħħa jibda jidden,
u jibqa’ sejjer hekk sal-ewwel sbieħ;
ix-xemx titla’ kuljum biex tisma’ lilu...
l-imsejken ta’ serduk hekk mingħalih!

## 43. IS-SERDUK

Qal is-Serduk: “Kuljum lid-dinja nqajjem;
min ser itella’ x-xemx meta mmut jien?
Il-għada miet, u x-xemx u d-dinja qamu
qisu s-serduk tal-bieraħ qatt ma kien.